- *diskrezzjoni tal-Qorti li tisma' kawża kostituzzjonali qabel ma jiġu eżawriti rimedji ordinarji. Sospensjoni tal-proċeduri.*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Novembru 2021.**

**Rikors Nru. 212/2020 GM**

**MPM Capital Investments Limited [C46783]**

**vs**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' MPM Capital Investments Limited [C46783] li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

Kienet ingħatat liċenzja sabiex topera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji kif jirriżulta minn kopja tal-istess liċenzja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok A'.

Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2016, kienet saret spezzjoni mill-*Malta Financial Services Authority* (MFSA) fl-uffiċini tas-soċjeta` rikorrenti fejn saru kopji tas-servers tal-kumpanija u data oħra personali tad-diretturi, liema spezzjoni kienet tkopri kemm materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-MFSA kif ukoll materji li jirrigwardaw l-operat tal-Korp intimat.

Nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2019, uffiċjali tal-Korp intimat għamlu *compliance visit* fl-uffiċini tas-soċjeta` rikorrenti fejn l-uffiċjali tas-soċjeta` rikorrenti operaw bl-aktar mod sħiħ u pprovdew l-informazzjoni kollha rikjesta minnhom.

Fl-erbatax (14) ta' April 2020, is-soċjeta` rikorrenti nfurmat lill- MFSA li kienet tinsab fil-proċess sabiex tiġi likwidata u xtaqet konsegwentament li ċċedi l-liċenzja tagħha. Illi sussegwentament, is-soċjeta` rikorrenti nfurmat lill-Korp intimat li kienet tinsab fil-proċess sabiex tiġi likwidata permezz ta' korrispondenza datata tletin (30) ta' April 2020.

Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2020, l-FIAU bagħtet rapport intitolat '*Compliance Review*' lis-soċjeta` esponenti dwar il-*compliance visit* li saret f'Ottubru 2019, fejn infurmat lis-soċjeta` rikorrenti illi:

a. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regoli 5(1), 5(3)-(4) u 5(6) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikoli 3.3 u 8.1 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

b. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regola 5(5)(a)(ii) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikolu 3.5 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

c. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regoli 7(1)(a), 7(1)(b), 7(3) u 8(1) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikoli 4.2.1, 4.3, 4.6.1 u 4.6.2 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

d. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regoli 7(5) u 8(1) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikolu 4.6 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

e. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regola 11(5) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikolu 4.9.2.2 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

f. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regola 7(1)(c) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikolu 4.4.2 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

g. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regoli 7(1)(d), 7(2)(a)-(b) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikoli 4.5.1(a)-(b) tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

h. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regola 13 tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikolu 9.2 tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

i. *Hemm potenzjalment ksur tar-Regoli 15(1)(a)-(b) u 15(1)(d) tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u Artikoli 5.1.1 u 5.1.2(a) tal-Implementing Procedures tal-FIAU.*

U stiednet lis-soċjeta` rikorrenti sabiex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha dwar l-istess.

Fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2020, is-soċjeta` rikorrenti ressqet ir-rappreżentazzjonijiet u s-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma fl-imsemmi rapport;

Minkejja tali rappreżentazzjonijiet dettaljati, il-Korp intimat permezz ta' deċiżjoni datata t-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu 2020 u notifikata formalment lis-soċjeta` rikorrenti nhar it-tnejn (2) ta' Settembru 2020, kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B', sabet lis-soċjeta` rikorrenti ħatja ta' ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanżjar ta' Terroriżmu u imponiet fuq is-soċjeta` rikorrenti, piena amministrattiva ta' miljun, mija u tlieta u tmenin elf, tmien mija u sebgħa u tmenin ewro (€1,183,887);

Tali deċiżjoni meħudha mill-Korp intimat hija nulla u bla effett fil-liġi stante` li l-proċedura adoperata mill-Korp intimat fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti, il-liġi stess li ġiet applikata, li abbażi tagħha, il-Korp intimat impona s-sanzjoni in kwistjoni kif ukoll it-trattament mogħti lis-soċjeta` rikorrenti kienu u huma leżivi tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-istess rikorrenti.

**Id-deċiżjoni meħuda mill-Korp intimat hi nulla u bla effett fil-liġi peress li:**

(i) id-disposizzjoni tal-liġi stess li a bażi tagħha l-korp intimat impona s-sanzjoni, ċioe' regolament 21 tal-Avviż Legali 372 tal-2017 (SL 373.01) u l-Art. 13 tal-Kap 373 jilledi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni li jimponi li Qorti biss tista' timponi sanzjoni penali;

(ii) bla preġudizzju għall-premess, it-trattament mogħti lis-soċjeta' rikorrentu kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` rikorrenti kemm a bażi tad-dritt għal smigħ xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni.

*Id-disposizzjoni tal-liġi hija kontra l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni*

F'dan il-każ, meta wieħed jagħmel referenza għall-ammont tal-piena imposta kif suriferit, it-tip ta' sanzjoni imposta hija tant severa, li minkejja li hija deskritta bħala multa amministrattiva, tikkwalifika bħala piena penali għax tenut kont tas-severita` tagħha, titqies derivanti minn akkuża kriminali. Dan kif del resto stabbilit minn ġurisprudenza tal-Qrati nostrani kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. (ara *Angelo Zahra v. Kummissarju Taxxi Interni,* (QK 29 Mejju 2015) *Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali Kompetizzjoni* QK 3 Mejju 2016 u *Rosette Thake ne v Kummissjoni Elettoral*i QK 8 Ottubru 2018);

Għalhekk, kif espost hawn qabel, il-proċeduri li ġiet sottoposta għalihom s-soċjeta` rikorrenti u li wasslu għal kundanna tagħha ta' piena eżorbitanti u debilitanti jaqgħu fil-parametri kontemplati mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jesiġi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, liema akkuża ma tiġix irtirata, għandha tingħata smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn **qorti** indipendenti u imparzjali mwaqqfa mil-liġi. Il-korp intimat ma hux Qorti kif definit fil-Kostituzzjoni u interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ *Pulizija v. Emmanuel Vell*a (QK)(28 Ġunju 1983) ;

Lanqas ma jista' jingħad li l-korp intimat hu awtorita` ġudikanti indipendenti u imparzjali ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

*Il-proċeduri nnifishom kienu lesivi tad-drittijiet tal-bniedem tas-soċjeta` rikorrenti.*

Bla preġudizzju għall-premess, illi fir-rigward tas-soċjeta` rikorrenti, kien il-Korp rikorrenti li investigaha kif ukoll l-istess Korp li akkuzaha, iġġudikaha u nflitta l-piena amministrattiva fil-konfront tagħha, b'tali mod li l-Korp intimat sar *judex in causa sua*. Illi f'dan il-każ m'hemm l-ebda dubju illi hemm riskju kbir ta' preġudizzju da parti tal-Korp intimat u għalhekk tali Korp m'għandux jiddeċiedi u jinflitta piena f'każ fejn huwa stess kien l-investigatur.

Dan jikkonstitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali, speċifikament dak ta' *nemo judex in causa propria* u għalhekk tali funzjonijiet tal-Korp intimat huma vjolattivi tad-dritt tas-smigħ xieraq li għandha s-soċjeta` rikorrenti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena imposta mill-Korp intimat hija waħda eċċessiva u indubjament sproporzjonata meta mqabbla mal-allegat reat imwettaq. Dan għaliex tali piena la kienet addattata sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq u wisq inqas neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan aħħari. Oltre` minn hekk, tali piena tinflitti piż tqil wisq fuq is-soċjeta` rikorrenti. Ulterjorment, fid-deċiżjoni tiegħu, il-Korp intimat, minkejja li jaqsam il-piena inflitta f'diversi kategoriji skont ir-regolamenti allegatament miksura mis-soċjeta` rikorrenti, tali Korp, fl-ebda punt ma jindika fuq liema bażi inħadmet il-piena inflita.

L-imposizzjoni ta' tali piena hija għalhekk bi ksur tal-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u art 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex sproporzjonat għall-għemil allegat li sar mis-soċjeta` rikorrenti, bi ksur tal-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll diskriminatorja bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq indikata, minħabba li f' ċirkostanzi simili soċjetajiet u persuni oħra weħlu piena amminstrattiva ferm u ferm inqas min dik imposta fuq is-soċjeta` rikorrenti, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

F'tali ċirkostanza, kien hemm bl-iktar b'mod sħiħ nuqqas ta' parita` tal-armi. Dan huwa rifless fil-fatt illi s-soċjeta` rikorrenti, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri ta' din il-kawża, fl-ebda punt ma kellha u/jew għandha aċċess għall-proċeduri intavolati f'każijiet simili filwaqt li l-Korp intimat għandu dan l-aċċess imsemmi. Dan il-fatt jitfa' lis-soċjeta` rikorrenti f'pożizzjoni żvantaġġjata meta mqabbla mal-pożizzjoni tal-Korp intimat, fejn fuq naħa waħda għandek il-Korp intimat b'riżorsi infiniti mentri fuq in-naħa l-oħra għandek soċjeta` b'kapital limitat u del resto kontrolli stretti fuq x' tagħmel bil-kapital tagħha.

In oltre`, in-nuqqas ta' parita` tal-armi huwa manifestat ukoll fir-rigward tat-termini, fis-sens illi l-Korp intimat wettaq l-investigazzjoni u ħareġ ir-rapport tal-*complicance review* u kif ukoll id-deċiżjoni f'terminu mhux speċifikat mil-liġi u għalhekk ħa żmien kemm kien konvenjenti għalih sabiex ħareġ tali rapport u deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta` rikorrenti kienet marbuta b'termini konċessi lilha mill-Korp intimat sabiex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. Ulterjorment, dakinhar tal-*compliance visit*, il-Korp intimat ħa kopji tas-servers kollha tas-soċjeta` rikorrenti mingħar ma għamel l-ebda distinzjoni bejn l-informazzjoni li kellu bżonn għall-fini ta' investigazzjoni u data personali tas-soċjeta` rikorrenti.

Dan huwa leviż tad-dritt għal smigħ xieraq tas-soċjeta` rikorrenti inkwantu huwa vjolattiv tal-prinċipju tal-parita` tal-armi u għalhekk ma jagħtix garanziji biżżejjed biex jiġi salvagwardjat id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq skolpit kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Meta wieħed iqabbel it-trattament da parti tal-Korp appellat fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti mat-trattament tal-istess Korp appellat fil-konfront ta' soġġetti ġuridiċi oħra, fir-rigward ta' fatti u allegati vjolazzjonijiet simili u identiċi għal dawk allegatament imwettqa mis-soċjeta` rikorrenti, joħroġ biċ-ċar illi s-soċjeta` rikorrenti kienet trattata b'mod diskriminatorju, fin-nuqqas ta' eżistenza ta' fatturi li jiġġustifikaw tali differenza fit-trattament.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li r-Regolament 21 tal-Avviż Legali 372 tal-2017 (S.L. 373.01) u l-Art 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta li taħtu ġew imposti l-pieni fuq riferiti, jikser id-drittijiet tas-soċjeta` rikorrenti sanċiti fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk huwa null u bla effett in kwantu anti-kostituzzjonali;

2. Tiddikjara wkoll li l-istess Regolament u Artikolu tal-liġi jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq indikata in kwantu l-korp intimat li impona l-pieni ma hux awtorita' ġudikanti indipendenti u imparzjali; u

3. Tiddikajra li l-aġir tal-korp intimat fl-interita' tiegħu għar-raġunijiet fuq isemmmija sar bi ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq indikata, kif ukoll kien leżiv tal-artikolu 45

tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; u l-piena inflitta peress li hija sproporzjonata saret bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea;

4. Konsegwentement tiddikjara li l-pieni kollha inflitti mill-korp intimat imposti b' deċiżjoni tat-28 t' Awwissu 2020 huma nulli u bla effett fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti ;

5. Konsewgentement ukoll tiddikajra li l-intimati huwa responsabbli għad-danni kemm pekunjarji u mhux pekunjarji bħala riżultat ta' dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tas-soċjeta` rikorrenti; u tikkundannahom iħallsu in solidum bejniethom id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti;

6. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tal-istess soċjeta` rikorrenti, tagħti kull rimedju xieraq lis-soċjeta` rikorrenti sabiex tali leżjoni tiġi indirizzata nkluż iżda mhux biss it-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni tal-Korp intimat fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu 2020 notifikata lill-istess soċjeta` fit-tnejn (2) ta' Settembru 2020.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. L-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti saret qabel waqtha għaliex il-multa amministrattiva li ġiet imwaħħla mill-Korp Għall-Analiżi ta' lnformazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Proċeduri ta' bixra straordinarja bħalma huma kawżi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post il-proċeduri ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament;

   Għalhekk fid-dawl ta' dan, l-esponent qiegħed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bla ħsara għall-premess, dwar l-ewwel talba, jissokta jingħad li l-ilmenti kollha tal-kumpannija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali. L-

artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakati mill-kumpannija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali;

Jiġi b'hekk, li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tħassar dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi li nbdew taħthom;

3. Imbilli skont il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-liġi sussidjarja li toħroġ minnu, l-FIAU hija mogħnija bis-setgħa li twaħħal multi amministrattivi għal min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus, dan ma jfissirx b'daqshekk li hija qiegħda tiddetermina jew tiddeċiedi reati kriminali;

4. Wara kollox hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. A verbis legis non est recedendum;

5. L-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea biex wieħed jiddeċiedi jekk proċeduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw reat kriminali jew le. Dan qed jingħad għaliex it-test u l-implikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa għalkollox differenti minn dak tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

   L-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti għalhekk m'għandhiex tintlaqa'.

6. Sa fejn imiss mat-tieni talba, il-kumpannija rikorrenti trid l-ewwel tipprova li l-multi amministrattivi imposti taħt il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta huma forom ta' "*pieni ta' natura kriminali*", fl-ambitu tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea skont il-kriterji stabbiliti Engel u oħrajn vs. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hanwhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġuridizzjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' *"hard core of criminal law*" u *"cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

Hekk pereżempju, multi amministrattivi mnissla mil-liġi tad-dwana, minn proċeduri dixxiplinari fil-ħabs, mil-liġi tal-kompetizzjoni u mil-liġijiet fiskali kollha kemm huma tqisu li ma jappartjenux lill-kategoriji tradizzjonali li jaqgħu taħt il-liġi kriminali u allura f' dawn il-każijiet *"the criminal head guarantees will not necessarily apply with their full stringency"* (ara fost oħrajn Socjiete` Stenuit vs. Franza tas-27 ta' Frar 1992 u Bendenoun vs. Franza tal-24 ta' Frara 1992).

Fil-każ tal-lum, it-tilwima li l-kumpannija rikorrenti għandha mal-FIAU m' hijiex waħda li tista' titqies bħala piena ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parmetri *"hard core of crimial law",* allura m'hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti;

7. B'rabta mal-premess, billi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li multi amministrattivi huma *"outside the hard core of criminal law"* allura ma hemm xejn inkompatibbli mal-jedd ta' smigħ xieraq illi fl-ewwel istanza l-multi amministrattivi jiġu imposti minn awtoritajiet amministrattivi li ma humiex ġudizzjarji (ara inter alia Jussila vs. Il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Huseyin Turan vs. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008);
   Tabilħaqq, bi tweġiba għall-kumpannija rikorrenti ma hemm xejn ħażin mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li t-twaħħil ta' pieni amministrattivi jiġu imposti fl-ewwel istanza minn organu amministrattiv li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezia deċiża fil-21 ta' Mejj u 2003);

8. Imbilli l-multi amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu imposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun vs. Franza lal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita` mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Sewwasew fil-każ tagħna, id-deċiżjoni tal-FIAU tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu, skont kif speċifikat fl-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
   Jiġi b'hekk, li l-liġi Maltija ma tmurx kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għaldaqstant anke t-tieni talba tal-kumpannija rikorrenti ma ħaqqhiex tintlaqa';

9. B'rabta mat-tielet talba, l-esponent jisħaq li huwa ma kiser l-ebda wieħed mill-jeddijiet imsemmija mill-kumpannija rikorrenti;

10. Dwar l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jingħad li dan mhuwiex applikabbli minħabba li l-imġieba diskriminatorja mixlija mill-kumpannija rikorrenti ma ġietx imqiegħda taħt waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni;

    Ir-raġuni ta' diskriminazjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-jedd fundamentali trid tabilfors taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dan is-subartikolu. Sewwasew fil-kwestjoni kostituzzjonali li għandna quddiemna, il-kumpannija rikorrenti ma rabtitx l-allegat ilment tagħha ta' diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu tassattivament imsemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni viz. razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, fidi, sess jew orjentament sesswali. Għalhekk dan in-nuqqas għandu jwassal għaċ-ċaħda tal-ilment tagħha;

11. Għal dak li jolqot l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jissottometti li l-kumpannija rikorrenti ma ndikatx fuq liema kawżali jew status hija allegatament ġiet iddiskriminata. F'dan il-kwadru, għandu jingħad li skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni għandha tiġi żqurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika iew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor;

    Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawżali ta' status, inkwantu karattestika personali tagħha. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li anke minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;

12. Miżjud ma' dan, u dan jgħodd kemm għad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni u kif ukoll għal dik tal-Konvenzjoni Ewropea huwa manifest li l-liġijiet li qed jiġu attakkati mill-kumpannija rikorrenti, japplikaw indiskriminatament għal kull min bħall-kumpannija rikorrenti jonqos milli timxi mal-liġi maħsuba biex tħares l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus;

13. Hekk ukoll, il-multi amministrattivi li jistgħu jingħataw skont il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistgħu qatt jitqiesu bħala piena inumana jew degradanti kif imfisser fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea

u/jew tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Naturalment, l-esponent jista' jifhem li multa amministrattiva ta' ħafna flus tista' tweġġa' finanzjarjament u ekonomikament, b'danakollu multa amministrattiva, hi kemm hi, bl-ebda mod remot ma tista' tinġabar taħt il-kappa ta' trattament inuman jew degradanti. Jiġi b'hekk, li anke dan il-parti tal-ilment mhuwiex tajjeb;

14. Sa fejn l-ilment tal-kumpannija rikorrenti jinsab mibni fuq l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dan ukoll ma jistax jintlaqa' għaliex dan ma ġiex marbut mal-implimentazzjoni ta' xi liġi tal-Unjoni Ewropea skont l-artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

15. Barra minn hekk, dan l-artikolu ma japplikax ukoll għaliex fil-każ tal-lum ma hemmx involut reat. Imma anke kieku stess, f'kull każ, il-multa amministrattiva li tista' teħel il-kumpannija rikorrenti, jekk kemm-il darba din tiġi kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, ma tistax titqies li hija waħda eċċessiva jew sproporzjonata;

    Għalhekk anke t-tielet talba għandha tiġi miċħuda kollha kemm hi;

16. Fl-aħħarnett, ma hemmx lok li jintlaqgħu r-raba', il-ħames u s-sitt talbiet l-oħra biex jingħata rimedju u kumpens fi flus, ladarba l-kumpannija rikorrenti ma seħħilhiex turi li ġarrbet ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel tliet talbiet tagħha.

Rat ir-Risposta tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. Fl-ewwel lok il-Korp esponent umilment jissottometti illi s-soċjeta` rikorrenti għandha rimedju ordinarju effettiv għad-disposizzjoni tagħha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' liġi, iżda anki fuq il-mertu tad-deċizjoni tal-Korp. Fil-fatt is-soċjeta` rikorrenti intavolat l-appell tagħha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell għadu pendenti. Għalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent għad mhuwiex eżawrit. Għaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta illi teżerċita l-ġurisdizzjoni

kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) ta-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna hija waħda intempestiva billi d-deċiżjoni tal-Korp esponent fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti għadha qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti għażlet li tintavola appell, hija għandha tistenna li dak l-appell jieħu l-kors kollu tiegħu billi f' dan l-istadju għad ma hemm l-ebda deċiżjoni finali. Jekk sal-lum għadu qed jiġi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk il-multa hux ser tiġi kkonfermata jew le, wieħed ma jistax f'daqqa waħda jinsa' li potenzjalment dik il-multa tista' tiġi kkonfermata jew imħassra u jgħaddi biex jara jistax jannulla dik il-multa in bażi għal ksur ta' liġi speċjali dwar drittijiet fundamentali (ħaġa li tippresupponi li l-multa ġiet diġa' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju ieħor taħt il-liġi ordinarja).

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit illi in kwantu għal-lanjanzi immirati lejn il-Liġi nnifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Liġi u b'mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' oħra u f'dan is-sens il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tas-soċjeta` rikorrenti. Il-kwistjoni dwar jekk il-Liġi twassalx għall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tiġi mwieġba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk il-leġislatur Malti huwa marbut bir-rekwiżiti tal-istess fit-trasposizzjoni tal-Direttivi in kwistjoni; F' dan ir-rigward wieħed għandu jqis il-prinċipju ġenerali abbraċċat mill-Qrati Ewropej illi l-Liġi Kommunitarja hija preżunta bħala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi każ, japplika l-prinċipju ta' supremazija tal-Liġi Kommunitarja. Fil-fatt l-inforzar tal-obbligi surreferiti huwa wkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Gvern Malti, inkluż il-Liġi Ewropea kif ġia ngħad u obbligi oħra nkluż ir-rakkomadazzjonijiet tal-Financial Action Task Force.

5. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ma jsib l-ebda applikazzjoni fil-każ odjern in kwantu l-artikolu 39(1) jipprovdi għall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jagħmel

l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi.

6. Il-proċess adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u l-multa imposta mill-Korp hija waħda amministrattiva. Il-quantum tal-multa m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li għandha tiġi meqjusa meta wieħed jigi biex iqis in-natura tal-multa; L-imsemmija multa la tista' twassal għal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tiġi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiża biss bħala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda multa hekk imposta ma hija konvertibbli fi priġunerija. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni. Inoltre l-Kap 373 u r-regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn liġi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bħala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

7. Għalhekk il-garanziji li qiegħda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-każ odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

8. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt li bis-saħħa tal-Artikolu 13A tal-Kap 373 il-persuna suġġetta li fuqha ġiet inflitta għandha opportunita' li tressaq il-każ kollu tagħha quddiem Qorti mwaqqfa bil-liġi u mogħnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u imparzjalita' jfisser li d-dettami tal-jedd għal smigħ xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-esponenti mill-Qorti tal-Appell hija garanzija suffiċjenti ta' smigħ xieraq. Għalhekk ma jista' jirriżulta ebda ksur la tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

9. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju, il-Korp esponent huwa enti li għandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeċiedi jgawdi indipendenza u imparzjalita', u mhux minnu li l-istess persuni qed jaġixxu ta' prosekuzzjoni, ġurija u mħallef fl-istess każ, kif tallega s-soċjeta` appellanta fir-rikors tagħha; inoltre l-Korp esponent f'kull stadju ta lill-appellanta l-opportunita' sħiħa li tiddefendi ruħha u tressaq il-każ tagħha; F'kull stadju, il-Korp esponent attivament involva lis-soċjeta` rikorrenti u provdiha bl-informazzjoni dwar il-proċess li kien se jwassal għad-deċiżjoni tiegħu, inkluż bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt iż-żjara u billi forniha b'dettall estensiv qabel ma taħa l-opportunita' li tressaq ir-rappresentazzjonijiet tagħha, u dan sabiex hija tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruħha b'mod effettiv kif fil-fatt kellha opportunita' sħiħa li tagħmel.

10. Fi kwalsiasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korp esponent jaġixxi bħala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suġġetti sabiex jassigura l-konformita' tagħhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intiżi sabiex l-imsemmija Persuni Suġġetti ma jiġux utilizzati minn terzi fil-ħasil ta' flus jew finanzjar ta' terroriżmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Liġi stess li jirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appożiti f'każ ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp qua Regolatur huwa proprju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Liġi u l-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu. Għalhekk il-Korp esponent huwa għal kollox independenti u imparzjali in kwantu l-unika interess illi huwa għandu huwa proprju l-osservanza tal-Liġi.

11. Għalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

12. Fir-rigward tal-allegat aġir diskriminatorju a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, jiġi eċċepit illi l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni m'għandu l-ebda applikabbilita' għall-każ odjern. A tenur tad-definizzjoni la' "trattament diskriminatorju" kif kontenuta fl-artikolu 45 [3] tal-Kostituzzjoni tali trattament għandu jkun ibbażat fuq "razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita` tal-ġeneru". Madanakollu, fir-rikors promotur tagħha ir-rikorrenti naqset milli torbot l-allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 45 ma' waħda mill-kategoriji indikati fl-istess artikolu. L-istess argument jgħodd ukoll fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; Anki f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tagħti ebda indikazzjoni dwar il-kawżali li allegatament wasslet għal trattament diskriminatorju. F'dan is-sens ma jistax jinsab illi kien hemm xi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

13. In oltre taħt is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistax jinstab ksur tal-Artikolu 14 jekk mhux abbinat ma' xi wieħed mill-artikoli sostantivi tal-istess Konvenzjoni u in kwantu s-soċjeta` rikorrenti naqset li tindika jekk hux qed torbot dak l-Artikolu ma' xi ieħor sostantiv, iżda talbet biss dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-Artikolu 14, it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'.

14. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi eċċepit ukoll illi l-Liġijiet in kwistjoni japplikaw indiskriminatament għal dawk il-persuni u entitajiet kollha li jikkwalifikaw bħala Persuni Suġġetti skont il-Liġi. L-obbligi relattivi japplikaw għall-imsemmija Persuni Suġġetti u għalhekk il-Liġi in

kwistjoni tipprovdi għal sanzjoni amministrattiva sabiex tiddixxiplina u tassigura li l-obbligi li jinkombu fuq l-istess Persuni Suġġetti jiġu osservati. Il-parametri tas-sanzjonijiet applikabbli jemerġu mir-Regolamenti u f'dan is-sens is-soċjeta` rikorrenti ma tista' qatt tallega illi hija qiegħda tiġi diskriminata għaliex il-Korp esponent qiegħed japplika l-Liġi applikabbli, u japplikaha għall-Persuni Suġġetti kollha mingħajr distinzjoni.

15. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalsijasi każ ma jista' jiġi dikjarat li kien hemm l-ebda trattament diskriminatorju jekk is-soċjeta` rikorrenti tonqos li ġġib prova li ħaddiehor li kien f'sitwazzjoni identika għaliha ġie trattat b'mod diver mill-esponenti, prova li l-esponenti hija kunfidenti li ma tistax tinġab għaliex ma teżistix;

16. Ukoll jiġi eċċepit mingħajr preġudizzju għas-suespost illi fejn si tratta minn nuqqasijiet regolatorji minn Persuni Suġġetti il-fattispecje ta' kull każ huwa differenti u għalhekk wieħed ma jistax jgħid li kien hemm diskriminazzjoni jekk ma jkunx qed iqabbel like with like;

17. Fir-rigward tal-multa amministrattiva imposta mill-Korp, jiġi eċċepit illi tali multa ġiet legalment imposta in linea mad-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti sussidjarji u li addirittura huma msejsa fuq il-Liġi tal-Unjoni Ewropea kif ġia ingħad. Tali multa amministrattiva ma tista' qatt titqies bħala piena jew trattament inuman jew degredanti a tenur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

18. Mingħajr preġudizzju għas-suespost ma jistax jiġi dikjarat li nkisru d-drittijiet ta' kumpannija taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni stante li dawn l-Artikoli japplikaw biss għal persuni fiżiċi u mhux ukoll persuni legali;

19. L-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ma huwiex applikabbli għall-każ odjern in kwantu tali artikolu jirregola l-prinċipji ta' proporzjonalita' fid-dritt kriminali, u l-pieni li jistgħu jiġu imposti fl-ambitu tal-istess kamp kriminali. Il-multa amministrattiva imposta mill-Korp esponent hija ta' natura amministrattiva kif ingħad u għalhekk, l-imsemmi artikolu 49 ma japplikax fil-każ odjern.

20. Fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-imsemmija multa amministrattiva imposta mill-Korp esponent lanqas ma tista' titqies illi b'xi mod tmur kontra l-artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet

Fondamentali tal-Unjoni Ewropea billi tali multa kienet waħda proporzjonata tenut kont tal-vjolazzjonijiet regolatorji numerużi u sistematiċi kommessi mis-soċjeta` rikorrenti, u dan kif delineat fid-deċiżjoni tal-Korp esponenti stess ta' nhar it-28 ta' Awwissu 2020.

21. Mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-Regolament 21 tal-SL 373.01 u l-artikolu 13 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tas-soċjeta` rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi każ mexa skont il-Liġi u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjeta` rikorrenti u għalhekk l-allegazzjonijiet rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

22. Għalhekk ukoll l-esponenti ma tista' tiġi dikjarata responsabbli tal-ebda danni fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ħadet konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Iż-żewġ intimati eċċepew li din l-azzjoni saret qabel waqtha għaliex il-multa amministrattiva li ġiet imwaħħla mill-Korp Għall-Analiżi ta' lnformazzjoni Finanzjarja (FIAU) qiegħda tiġi kkontestata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan jikkostitwixxi rimedju effettiv. Għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti tirribatti li l-Qorti tal-Appell ma tistax tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' smigħ xieraq li saru quddiem il-Korp billi:

- Hi marbuta mal-liġi kif inhi u ma tistax titratta l-kostituzzjonalita` o meno tagħha.
- Il-fakulta` li jitressqu provi u dokumenti hija limitata.

- Ir-rikorrent tkun kostretta tipprova l-innoċenza tagħha, minflok bil-kontra.
- Ma tikkunsidrax il-kwistjonijiet kollha mill-bidunett.
- Il-proċeduri huma qosra u jridu jingħalqu fi żmien sitt xhur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa opportun li l-ewwel jiġi eżawrit ir-rimedju tal-appell mogħti mil-liġi, li diġa' qiegħed jiġi utilizzat mir-rikorrenti. Għalkemm dan l-appell ikopri biss l-allegat tħaddim ħażin tal-liġi ordinarja, u mhux ukoll jitratta l-validita` tal-istess liġi, huwa possibbli li jindirizza l-ilment ewlieni tar-rikorrenti li huwa l-isproporzjonalita` jew addirittura l-inġustifikabilita` tal-multa jew multi mposti fuqha. F'każ li l-appell jintlaqa', jitneħħa l-preġudizzju allegatament soffert mir-rikorrenti, li allura tiġi svestita mill-*victim status* tagħha.[1] Fl-ipotesi ta' eżitu negattiv, allura din il-Qorti tgħaddi biex teżamina l-ilmenti tar-rikorrenti. Għalhekk huwa opportun li l-Qorti tistenna l-esitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell qabel ma tikkonsidra l-ilmenti tar-rikorrenti f'din il-kawża. Dan in omaġġ għall-prinċipju, li l-Qorti kif ippreseduta ssewgi reliġjożament, li m'għandux isir użu mill-proċedura kostituzzjonali mingħajr ma l-ewwel jiġu eżawriti l-mezzi ordinarji. Saret wisq komuni d-drawwa tal-foro li wieħed jaqbad u jiftaħ kawża kostituzzjonali mingħajr ma jqis li din hija għodda speċjali u eċċezzjonali li m'għandhiex tintuża' kif ġieb u laħaq. Din il-moda qiegħda twassal biex dawn il-Qrati qegħdin ikomplu jiġu mgħarrqa b'kawżi bla bżonn b'detriment għal min tabilħaqq ikollu bżonn pronunzjament minn xi Qorti jew oħra. B'danakollu, billi l-Qorti diġa` semgħet il-provi dwar dawn l-ilmenti, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, mhijiex sejra tastjeni definittivament milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.

[1] Ara r-raġunament f'dan is-sens fis-sentenza, ukoll f'kawża kontra l-intimati odjerni, u b'fattispeċje li jixxiebħu, in re: Insigna Cards Limited v Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et. 30.07.2021 ippronunzjata minn din il-Qorti diversament ippreseduta (Onor. Imħallef Lawrence Mintoff) (appellata).

***Decide:***

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' in parte l-eċċezzjoni tal-intempestivita` mressqa separatament mill-intimati billi f'dan l-istadju tiddeċiedi li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont id-diskrezzjoni mogħtija lilha permezz tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-ilmenti tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet imressqa kontra tagħhom, u tpoġġi l-kawża *sine die* riappuntabbli fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet fi żmien xahar minn meta jkun hemm pronunzjament definittiv mill-Qorti tal-Appell fil-kawża mressqa quddiemha mir-rikorrenti mingħajr ma sadanittant ikun hemm is-sanzjoni tad-deżerzjoni.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA